MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 49/2002/1

IL-PULIZIJA.

Vs.

Omissis

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2002 , li biha l-appellant gie misjub hati kif hemm inghid u kundannat ghall-piena ta' erba snin prigunerija ;

Rat ir-rikors tal-appell minnu prezentat fl-4 ta' Marzu, 2002 , fejn talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja u tirrevokaha kwantu sabitu

hati tal-imputazzjonijiet fiha indikati , billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi .

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1. Illi l-Ewwel Qorti hasbet li l-kwerela maghmula mill-genituri ta' wahda mill-minuri ma kienetx irtirata u kienu biss il-kwereli maghmula mill-genituri taz-zewg minuri l-ohra li kienu gew irtirati u li ladarba l-Ewwel Qorti korrettament ikkonkludiet li la darba l-kwereli rigwardanti z-zewg minuri l-ohra kienu rtirati , l-akkuza taht l-artikolu 203 ma kienetx aktar prosegwibbli fil-konfront tal-appellant fir-rigward taghhom , hekk ukoll din il-Qorti ghandha tikkonkludi li ladarba l-kwerela fir-rigward tat-tielet minuri giet ukoll irtirata mill-genituri taghha , l-akkuza taht l-artikolu 203 ma hix prosegwibbli kontra l-appellant ; 2. Illi l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu ghall-fatt kienet ukoll erronja ghax il-versjoni li ta l-appellant kienet wahda aktar kredibbli ghar-ragunijiet dettaljati ndikati fir-rikors tal-appell u dana japplika kemm ghall-akkuza taht l-artikolu 203 kif ukoll ghall dik taht l-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali ; u 3. li l-piena nflitta ta' erba snin habs hija wahda eccessiva meta wiehed jikkonsidra l-fatti li l-kwereli gew kollha rtirati , l-eta' u l-fedina penali tal-appellant;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xiehda tal-genituri tal-minuri koncernata;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduti tat-30 ta' Mejju, 11 ta' Lulju, 2002 , 21 ta' Jannar u 29 ta' Mejju, 2003 ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru, 2002 u l-kopji tas-sentenzi li ghalihom hemm saret riferenza ;

Rat in-nota tad-difiza tat-13 ta' Marzu, 2003 u dik responsiva tal-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju, 2003 , fejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza dahlu fil-fond fl-argumentazzjoni taghhom dwar il-punti ta' dritt u ta' fatt sollevati fit-trattazzjoni orali ;

Rat il-verbal tal-abbli prosekutur dwar il-piena applikabbli f'dan il-kaz registrat fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2003;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-irtirar tal-kwerela mill-genituri tal-minuri quddiem l-Ewwel Qorti u li, skond l-appellant, l-Ewwel Qorti , bi zball , ma qiesetx fis-sentenza taghha. L-appellant ghamel riferenza ghat-traskrizzjoni tax-xiehda taghhom a fol. 73 tal-process li skondu juri bic-car li l-genituri kienu rtiraw il-kwerela ghal dak li jirrigwarda l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni skond l-artikolu 203 tal-Kap.9 .

Pero' il-kontenzjoni tal-Avukat Generali quddiem din il-Qorti proprjament kienet li anki jekk, ghal grazzja tal-argument, l-kwerela kienet giet irtirata quddiem l-Ewwel Qorti , jibqa' l-fatt li dan ma kien jiswa' ghal xejn ghax l-azzjoni xorta wahda kienet prosegwibbli "ex officio" mill-Pulizija , skond il-ligi w skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati . Dan il-punt legali , ghalkemm ormai trattat u ritrattat fil-gurisprudenza, gie dibattut "ad unguem" kemm fil-kors tat-trattazzjoni orali kif ukoll fin-noti assennati tal-partijiet .

Id-difiza ssottomettiet ukoll li jekk din il-Qorti ma kienetx ser tqis li l-kliem tal-genituri tal-minuri quddiem l-Ewwel Qorti kien jammonta ghall-irtirar tal-kwerela , pero' jekk issa quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-kwerela kienet qed tigi irtirata, allura din il-Qorti kellha tikkonsidra dan ghax il-kwerela tista' tigi rtirata f'kull stadju tal-process, inkluz fl-appell. Sa hawn din il-Qorti taqbel ma din il-pozizzjoni salvi dak li ser jintqal aktar il-quddiem dwar jekk l-irtirar tal-kwerela jwaqqafx il-proceduri odjerni .

Din il-Qorti thoss li x-xiehda tal-genituri tal-minuri quddiem l-Ewwel Qorti kellha titqies bhala li kienet qed tigi rtirata l-kwerela w li dan kien car bizzejjed b'mod li jidher li l-Ewwel Qorti bi zball ma haditx kont ta' dan il-fatt fis-sentenza taghha.. F'kull kaz , anki jekk seta' kien hemm xi dubju dwar l-irtirar tal-kwerela quddiem l-Ewwel Qorti , f'dan l-istadju dan id-dubju m'ghadx hemm lok ghalih wara

li din il-Qorti semghet lill-genituri koncernati jikkonfermaw bil-gurament illi huma ma riedux li jitkomplew il-proceduri kriminali kontra l-appellant. Pero’ dana qed jinghid biss bhala punt ta’ fatt u bla pregudizzju ghall-konsiderazzjonijiet ta’ natura guridika li bil-fors iridu jsiru minn din il-Qorti f’ din is-sentenza dwar l-effetti guridici ta’ tali rinunzja.

Id-difiza mbaghad tkompli tissottometti li ladarba ma sarx appell mill-Avukat Generali minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti rriteniet li la kien hemm l-irtirar tal-kwerala fil-kaz taz-zewg minuri l-ohra, il-procediment kien ezawrit fil-konfront ta’ dawk l-akkuzi , allura issa – ladarba dan il-pronuncjament legali gie accettat – din il-Qorti trid taghmlu taghha w tiddeciedi biss dwar jekk kienx hemm ic-cessjoni tal-kwerela jew le.

Illi bir-rispett ghal dan l-argument tad-difiza, l-affarijiet mhumiex daqshekk semplicisti . Sal-lum l-akkuza kontra l-appellant dwar korruzzjoni tal-minorenni koncernata ghadha treggi u di fatti hemm kundanna dwarha li l-appellant qed jilmenta minnha quddiem din il-Qorti . Biex l-appellant jirmexxilu jillibera ruhu minn din l-akkuza jrid jissodisfa lil din il-Qorti  jew li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata jew inkella  li l-azzjoni penali dwarha giet estinta f’dan il-kaz bir-rinunzja tal-kwerela w li f’ kull kaz  tali rinunzja tkun bizzejjed biex twaqqaf il-proceduri kriminali w li dawn m’humiex prosegwibbli “ex officio” w indipendentement mill-irtirar tal-kwerela. Din il-Qorti ma tistax tiddeciedi bil-“blinkers” u tissanzjona xi zball legali tal-Ewwel Qorti jekk kien hemm , semplicement ghax l-Avukat Generali ma appellax minn principju zbaljat enuncjat mill-Ewwel Qorti . Kieku l-pozizzjoni legali hija kif qed jissottometti l-appellant , allura nigu fil-pozizzjoni assurda li din il-Qorti hija marbuta necessarjament li taghmel l-istess zball – jekk zball kien – li ghamlet l-Ewwel Qorti  meta ddikjarat l-azzjoni penali fir-rigward taz-zewg minuri l-ohra bhala estinta stante rinunzja.

Din il-Qorti ma tistax tiddeciedi billi tibbaza fuq zball legali tal-ewwel Qorti w  tillimita ruhu biex tara l-Qorti haditx zball iehor meta qieset li ma kienx hemm rinunzja tal-

kwerela , meta suppost skond id-difiza din ir-rinunzja saret . Din il-Qorti trid tara l-“iter” kollu tar-ragjunament tal-Ewwel Qorti w tqis kemm l-aspetti legali kif ukoll fattwali li setghu wasslu lil dik il-Qorti biex tiddeciedi w , fejn issib zball, trid tissenjalah u tirmedja ghalih. Hawn non si tratta ta’ xi decizjoni “extra petita” kif tissottometti d-difiza , imma ezami akkurat u profond tas-sentenza appellata fl-aspetti kollha taghha, fattwali, legali u procedurali biex tara hemmx bazi li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti tigi varjata,revokata jew konfermata. Ghalhekk hu necessarju li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni li anki jekk - fl-ahjar ipotesi ghall-appellant - il-kwerela kienet giet irtirata mill-genituri msemmija fir-rigward ta’ binthom fil-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, dan kienx necessarjament iwassal ghall-effett invokat mill-appellant tal-estizjoni tal-azzjoni penali fir-rigward tal-akkuza ta’ korruzzjoni ta’ minorenni .

Illi din il-Qorti wara li ezaminat fit-tul il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati , ma tistax taqbel mat-tezi difensjonali .

Illi r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali skond is-subinciz (2) jinhtieg il-kwerela tal-parti offiza biex jittiehed procediment dwaru . Pero’ fil-proviso tal-istess subinciz jinghid li l-procediment jista’ jitmexxa “ex officio” fil-kazijiet imsemmija fil-proviso tal-artikolu 544 .

Issa l-proviso tal-artikolu 544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku , l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata. Pero’ hawn id-difiza tghid li l-artikolu 544 isemmi biss ir-reati ta’ 1. stupru vjolent , 2. serq ta’ persuna u 3. attentat vjolent ghall-pudur u ma jsemnmix ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. Pero’ anki hawn wiehed ma jistax jinjora l-“cross reference” li jaghmel l-artikolu 203 (3) fil-proviso tieghu , fejn ghall-fini ta’ prosekuzzjoni “ex officio” jaddotta l-istess eccezzjoni li tezisti fil-kaz tar-reati imsemmija fl-artikolu 544 . Il-Ligi hija cara w ghalkemm tali “cross reference” hija forsi nfelici w tirrendi l-Kodici aktar komplikat milli hemm bzonn , il-gurisprudenza taghna hija

uniformi ghall-ahhar fis-sinifikat ta’ din il-“cross reference” b’mod li ma thalli ebda dubju jekk qatt jista’ jkun hemm .

Hekk gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali fil-kawza “Il-Pulizija vs. George Zarb” [17.2.1997] fejn din il-Qorti qalet testwalment :-

*“ Ghalkemm l-azzjoni ghar-reat kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali titmexxa dejjem mill-awtorita’ pubblika , tali azzjoni tinhtieg il-kwerela tal-parti . Ghal din ir-regola hemm xi eccezzjonijiet , fosthom “fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso tal-artikolu 544”. Il-proviso tal-artikolu 544 applikat ghar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni , jipprovdi li meta d-delitt “isir bi vjolenza pubblika , jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku , l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata”.*

Umbaghad dejjem gie ritenut mill-Qrati Taghna li meta r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni jsir f’-post pubbliku jew f’-post espost ghal-pubbliku , dan isir prosegwibbli “ex officio” proprju ghaliex allura jkun akkompanjat b’reat li jolqot l-ordni pubbliku . Hekk gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleggjali f’appell minn guri fil-kawza “”Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Spiridione Tanti sive Tanti Costa “ [ 12.4.1991] li:-

*“…..l-Qrati taghna dejjem irritjenew illi l-fatt li f’ delitt kontra l-familja u l-morali prosegwibbli biss fuq istanza privata dawn jirrikorru f’ post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku , jsiru prosegwibbli “ex officio” proprju ghaliex awtomatikament ikunu akkumpanjati b’reat li jolqot l-ordni pubbliku.”*

Issa fil-kaz in ezami ma jistax ikun hemm dubju li l-post fejn gara l-allegat reat kien wiehed manifestament espost ghall-pubbliku w dwar dan lanqas id-difiza ma tidher li qed tissottometti l-kuntrarju.

Lanqas ma tidher korretta s-sottomissjoni tal-appellant li biex japplika l-proviso ta’ l-artikolu 544 ghar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni , dan ir-reat irid ikun akkompanjat b’xi wiehed mir-reati li jissemmew

espressament fl-artikolu 544 . Kif del resto lanqas hi fondata s-sottomissjoni tal-appellant li r-reat li jkun jakkompanja dak ta’ korruzzjoni tal-minorenni jrid ikun reat li ma johrogx mill-istess atti libidinuzu jew sesswali imma xi reat iehor ta’ natura ghal kollox differenti. Di fatti gie ritenut minn din il-Qorti li :-

*“Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna , meta l-istess fatt li jaghti lok ghall-stupru , l-attentat vjolent ghall-pudur jew il-korruzzjoni tal-minorenni isir f’post pubbliku jew espost ghall-publiku , b’mod ghalhekk li jikkonfigura wkoll ir-reat taht l-artikolu 209 , l-azzjoni ghal dawk ir-reati ma tirrikjedix il-kwerela tal-parti privata u l-parti privata konsegwentement anqas ma tista’ bir-recess taghha twaqqa’ dik l-azzjoni . U r-raguni hi ghax dawk ir-reati jkunu saru “flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku” fit-termini tal-proviso tal-artikolu 544*” (Ara. Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Gregory sive Godwin Scicluna“ [19.2.1997]

Il-punt sollevat mid-difiza li l-artikolu 209 li bih ukoll l-appellant gie akkuzat u nstab hati tieghu mhux reat li jolqot l-ordni pubbliku imma biss il-morali pubblika u ghalhekk ma jissodisfax ir-rekwizit tal-proviso tal-artikolu 544 gie ukoll trattat fil-gurisprudenza avversament ghat-tezi tal-appellant fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. George Zarb” fuq citata fejn gie ritenut li :-

*“Ir-reat kontemplat fl-artikolu 209 ma jehtieg ebda kwerela ghax hawn, bhal fil-kaz ta’ arrest illegali, si tratta ta’ reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku.”*

U l-istess gie ritenut fl-Appell Kriminali ta’ Tanti sive Tanti Costa appena citat fejn intqal :-

*“Illi ma jistax ikun hemm dubbju dwar jekk il-legislatur taghna jikkonsidrax atti oxxeni li joffendu l-morali pubblika ghax proprju kommessi fil-pubbliku , bhala reati kontra l-ordni pubbliku u fil-fatt dan ma setghax jonqos . Infatti per ezempju , fit-termini tal-artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali ikun qed jikkommetti reat (kontravvenzjoni) kontra l-ordni pubbliku min jaghmel atti oxxeni fil-pubbliku*

*jew joffendi l-morali , l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika anki jekk jikkomettihom meta jkun xurban . Multo magis ghalhekk , ghandu jigi argumentat li min imur oltre u jikkommetti reati ohra kontra l-morali pubblika li huma konsiderati mill-ligi bhala delitti u ghalhekk bhala reati aktar serji u jikkommetti l-istess f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku , ikun qieghed kontestwalment jikkommetti reat kontra l-ordni pubbliku."*

Illi fin-nota t' osservazzjonijiet tieghu l-appellant umbaghad jirriferi ghal dak li jghid il-MAINO dwar ir-rinunzja ghall-kwerela taht il-ligi penali Taljana . Pero' kif gustament issottometta l-Avukat Generali tali riferenza ma hix rilevanti ghaliex hemm differenzi sostanzjali bejn il-Kodici Kriminali taghna w l-Codice Zanardelli Taljan li dahal in vigour fl-1 ta' Jannar , 1890, kommentat mill-Maino fejn si tratta tar-rinunzja tal-azzjoni kriminali. Hekk gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleggjali fil-kaz ta' Tanti sive Tanti Costa fuq citat .

Illi s-sottomissjoni tad-difiza li l-kaz ta' Tanti Costa kien wiehed dwar reat ta' stupru vjolent li akkompanja r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni w ghalhekk dak li ntqal f' dik is-sentenza ma japplikax ghall-kaz odjern li jittratta kaz ta' korruzzjoni ta' minorenni ma hix wahda valida ghaliex l-osservazzjonijiet assennati w profondi li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kollegjali f' dik is-sentenza dwar l-applikazzjoni w l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-proviso tal-artikolu 544, huma ta' natura generali w japplikaw anki ghal kaz ta' korruzzjoni ta' minorenni .

Il-fatt li fil-kaz ta' Tanti sive Tanti Costa kienu tnehhew xi hwejjeg tal-minorenni mentri dan ma jidhirx li gara f'dan il-kaz ma jbiddel xejn ghaliex indubbjamernt li l-atti li huma allegati li saru f'dan il-kaz jikkonfiguraw fir-reat kontemplat fl-artikolu 209 u cioe' dik ta' offiza ghall-pudur jew il-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Anki l-argument li f'dan il-kaz l-akkuza taht l-artikolu 209 hija assorbita f'dik ta' korruzzjoni ta' minorenni u ghalhekk ma jistax jinghid li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni f'dan il-kaz kien akkompanjat minn reat li jolqot l-ordni pubbliku

ma jreggix. It-teorija tal-assorbiment hija wahda li tirrigwarda biss il-piena imma mhux l-ezistenza o meno tal-akkuza jew tar-reat . Di fatti dan il-koncett insibuh biss fl-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati w pieni.  Is-subinciz (h) tal-artikolu 17 jiddisponi li meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt kwalifikat , iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet htija ghaz-zewg reati jew aktar kontra l-hati w mhux li reat jikkancella l-ezistenza ta' xi reat iehor li jkun serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess r-reat . Hija biss ghall-fini ta' piena li r-reat li serva bhala mezz ghall-fini ma jittiehedx in konsiderazzjoni , imma dikjarazzjoni ta' htija dwaru jkun hemm dejjem u ghalhekk dar-reat ikun jezisti w jakkompanja lir-reat l-iehor.

Din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li *"r-reat ta' istanza privata huwa "akkompanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti , billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor  jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati"* (ara. "Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar "[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per Harding J,)

Fid-dawl ta' dan kollu huwa ovvju li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li tieghu nstab hati l-appellant kien akkompanjat minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 209  li ukoll gie akkuzat bih u li tieghu ukoll instab hati mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-azzjoni kriminali ma kienetx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija "ex officio" . Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-genituri tal-minuri ma setax iwaqqaf  l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju . L-irtirar tal-kwerela ghal massimu jista' – u f' dan il-kaz ser -  jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux li josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri.

It-tieni aggravju tal-appellant hu li f'kull kaz l-ewwel Qorti ghamlet apprezament zbaljat tal-fatti tal-kaz u jmissha tat aktar affidament lill-versjoni u c-cahda tal-appellant milli tal-versjoni moghtija mill-minorenni .
Issa gie dejjem ritenut i li din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha b'mod "safe u satisfactory" .

Kif gie ritenut minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. vs. Cooper" [1969] 1 QB 276 :-

*"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .."* (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991) , p.1392)

Fil-kaz in ezami kienet l-Ewwel Qorti li semghet ix-xhieda minorenni f'dan il-kaz u setghet tapprezza bil-mod kif xehdu dwar id-diversi atti komessi fuqhom rispettivament mill-appellant odjern . Din il-Qorti ghandha biss it-traskrizzjoni ta' dawn ix-xiehdiet . Pero' din il-Qorti thoss li l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tiskarta c-cahda tal-appellant u invece temmen dik tal-minorenni koncernata kif del resto korroborata bhala "system of conduct" mix-xiehda taz-zewg minuri l-ohra li ghalkemm l-kwereli dwarhom fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni gew irtirati w l-Avukat Generali ma appellax mil-liberazzjoni fir-rigward taghhom , taw ix-xiehda taghhom f' dal-process . Kien hemm umbaghad serje twila ta' cirkostanzi ndizjarji ohra li jikkorroboraw l-allegazzjoni tal-minuri li mhux il-kaz li jigu rikapitulati fid-dettall pero' li qieset l-Ewwel Qorti meta ghamlet l-apprezzament taghha dwar il-fatti tal-kaz . Dawn l-istess cirkostanzi ndizjarji jsahhu wkoll il-fehma ta' din il-Qorti li dak li allegat il-minuri

huwa ferm aktar verosimili minn dak li qed jghid l-appellant . Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti hu wiehed "safe and satisfactory".

Jekk umbaghad fil-kors tal-investigazzjoni w tad-depozizzjoni taghha il-persuna minuri ma kienetx "open" u skjetta ma kullhadd , dan jista' facilment ikun attribwibbli ghall certu mistija w "embarrassment" naturali , pero' ma jidhirx li kien hemm xi inkonsistenzi sostanzjali jew xi kontradizzjonijiet fil-versjoni tal-persuna minuri fir-rigward ta' dak li kien jaghmel l-appellant , versjjoni li del resto kienet ghal kollox korroborata mix-xhieda taz- zewg minuri l-ohra.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha b' xi mod tiddisturba l-konkluzjoni ta' htija li ghaliha waslet l-Ewwel Qorti .

Illi ghalkemm din il-Qorti normalment ma tvarjax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti jekk din tkun entro l-parametri legali w ma tkunx wahda manifestament esagerata , meta din il-Qorti , bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonstata li xi punt ta' dritt jew ta' fatt favur l-appellant ma jkunx ittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti , meta suppost li jkun hekk gie kkonsidrat , allura din il-Qorti tkun trid tidhol ukoll fil-kwistjoni tal-piena w tara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienetx l-aktar wahda ndikata fic-cirkostanzi , kompriza dik jew dawk li ma jkunx ittiehdu in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti u dan biex, fil-waqt li tipprotegi lis-socjeta' minn agir simili tal-appellant u sservi ukoll ta' deterrent generali fejn hemm bzonn, taghmel ukoll gustizzja mall-appellant .

Id-difiza issottomettiet li l-appellant ghandu kondotta nadifa ghall-ahhar u li kien f'dan il-kaz li kiser difru mall-gustizzja ghall-ewwel darba w li hu ta' eta' avvanzata u li din il-Qorti ghandha taghti piz xieraq ghall-fatt li l-kwerela kienet giet irtirata mill-genituri li ddikjaraw sahansitra bil-gurament li ma jridux li jitkomplew il-proceduri kriminali kontra l-appellant . Ghalhekk issottomettiet li aktar ikun

xieraq f'dan il-kaz jekk tinghata piena karcerarja li pero' tibqa' sospiza ghal numru ta' snin.

Da parti taghha l-prosekuzzjoni rrimettiet ruha ghal gudizzju tal-Qorti dwar piena.

Issa l-appellant gie misjub hati taht l-artikolu 203 li jirrigwarda r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ukoll tar-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali pubblika skond l-artikolu 209 bl-assorbiment tar-reat taht l-artikolu 209 fir-reat l-aktar gravi ta' korruzzjoni ta' minorenni . Issa dan l-ahhar reat huwa punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha . Pero' l-istess artikolu jkompli jghid illi l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tlitt snin sa sitt snin , bir-rekluzjoni jew minghajrha , jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta tnax il-sena w dana skond l-artikolu 203 (1) (a) jew meta d-delitt isir minn haddiehor li lilu , imqar jekk ghal xi zmien , ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu , jedukah , jghallmu, jindukrah jew izommu kif mahsub fis-sub-inciz (c) tal-istess artikolu kif invokat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu a fol. 79 tal-process. Issa f'dan il-kaz jidher kemm mill-akkuza originali quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll irrizulta mill-atti processwali li l-eta' tal-minuri kienet in effetti inqas minn dik ta' tnax il-sena meta gew kommessi r-reati allegati kif ukoll li l-appellant kellu l-kwalifika msemmija fl-artikolu 203 (1) (c) . Ghalhekk il-piena minima applikabbli ghal dan il-kaz skond il-ligi kienet ta' tlitt snin prigunerija, bir-rekluzjoni jew minghajrha, ghax umbaghad ir-reat minuri li jgib piena ta' massimu ta' tlitt xhur prigunerija w multa jigi assorbit fir-reat l-aktar gravi u meta jsir dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tinghata biss il-piena ghar-reat l-aktar gravi . Inoltre fl-akkuza originali ssemma li dan kien reat kontinwat u kemm l-Avukat Generali fin-nota tieghu imsemmija kif ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rispettivament invokaw u semmew l-artikolu 18 tal-Kap.9 li proprju jipprovdi ghal zieda fil-piena f'kaz ta' reat kontinwat. F'dan il-kaz il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. Dan ifisser li l-piena minima setghet titla' sa hames snin u dik massima setghet titla sa tnax il-sena

prigunerija ghalkemm dan jithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti u mhux mandatorju .

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tapplika piena ta' inqas minn tlitt snin prigunerija bla ma jkollha ragunijiet specjali w straordinarji biex tista' taghmel dan skond l-artikolu 21 tal-Kap.9 . Fil-fehma ta' din il-Qorti ukoll dawn ic-cirkostanzi specjali w straordinarji ma jezistux f' dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti hija vinkolata bil-minimu ta' tlitt snin prigunerija preskritt skond l-artikolu 203 (1) (a) u (c) tal-Kap.9.

Issa biex il-Qrati jkunu jistghu japplikaw il-provvedimenti tas-sentenza sospiza skond l-artikolu 28 A tal-Kap. 9 , irid ikun kaz fejn il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn . F' dan il-kaz pero' din il-Qorti dan ma tistax taghmlu minghajr ma tinzel taht il-minimum preskritt mill-istess ligi w dana bla ma tittiehed in konsiderazzjoni taz-zieda fil-piena possibbli minhabba r-reat kontinwat . Ghalhekk jidher li din il-Qorti hija prekluza milli taghti sentenza sospiza kif qed titlob id-difiza f' dan il-kaz.

Din il-Qorti , pero' , wara li rriflettiet fit-tul , u kkonsidrat il-kondotta nadifa w l-eta' tal-appellant izda b'mod partikolari w l-aktar importanti l-fatt li l-genituri tal-minuri kienu ddikjaraw li ma jridux li jitkomplew il-proceduri kontra l-appellant , u li l-Ewwel Qorti bi zvista ma ndunatx li kien hemm din ir-rinunzja tal-genituri tal-minuri koncernata f' dan l-appell , meta applikat il-piena li qed isir appell minnha , thoss li f'dan il-kaz ghandu jkun hemm temperament fil-piena biex jirrifletti dan il-fattur injorat bi zvista mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-minuri mertu ta' dan l-appell .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament kif ser jinghid u cioe' billi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-erba snin prigunerija w minnflok tikkundannah ghall-tlitt snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-appellant ghamel taht arrest in konnessjoni ma' dan il-kaz u billi tikkonfermaha fil-

kumplament intier taghha, anki ghaliex ma kienx sar appell mill-Avukat Generali fuq l-aspetti tal-istess sentenza li seta’ sar appell minnhom mill-prosekuzzjoni kif fuq intqal .

Fl-ahhar nett tordna li BISS biex tigi protetta l-identita’ tal-minuri ma jigux publikati fil-media l-isem tal-minuri, tal-gentituri taghhom  u tal-appellant kif ukoll dettalji dwar il-post jew in-natura tal-post fejn graw ir-reati in ezami

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------